**177. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali, L-Onor Louis Grech MP, jipproponi:**

MOZZJONI LI TIRREGOLA S-SEDUTI KONNESSI MAL-ESTIMI ĠENERALI 2015 U L-ESTIMI SUPPLIMENTARI 2014

Illi minkejja kull provvediment ieħor fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u riżoluzzjonijiet oħra approvati mill-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura dwar l-Estimi Ġenerali tal-Ispiża għas-sena 2015 u dwar l-Estimi Supplimentari tal-Ispiża għas-sena 2014.

**A. Provvedimenti Ġenerali**

1. Illi jkunu jistgħu jittieħdu aktar minn seba' seduti għall-konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali fil-Kumitat ta' Provvista (Ordni Permanenti Nru 71 (3) (ċ)).

2. Illi l-Kamra tista' tiltaqa' filgħodu, wara nofsinhar u filgħaxija fl-istess jum.

3. Illi matul il-jiem tad-dibattiti dwar l-Estimi Ġenerali 2015, kif ukoll fil-jiem tal-Kumitat ta' Provvista għall-Estimi Ġenerali 2015, u l-Estimi Supplimentari għas-sena 2014, il-ħin li fih għandha tiltaqa' l-Kamra hu kif ġej:

   (i) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni u approvazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għat-Turizmu, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat bid-dibattitu jibda fid-9.30 am u jispiċċa fin-12.30 pm. Il-Kamra tiltaqa' fid-9.00 am, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mid-9.30 am u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

   (ii) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni u approvazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat bid-dibattitu jibda fis-6.30 pm u jispiċċa fid-9.30 pm. Il-Kamra tiltaqa' fis-6.00 pm, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mis-6.30 pm u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

   (iii) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni u approvazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn erba' sigħat bid-dibattitu jibda fid-9.00 am u jispiċċa fis-1.00 pm. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

   (iv) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni u approvazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn erba' sigħat bid-dibattitu jibda fis-6.00 pm u jispiċċa fl-10.00 pm bil-ħin tal-mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

   (v) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni u approvazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat bid-dibattitu jibda fid-9.30 am u jispiċċa fin-12.30 pm. Il-Kamra tiltaqa' fid-9.00 am, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mid-9.30 am u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(vi) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni u approvazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għal Ghawdex, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat bid-dibattitu jibda fis-2.00 pm u jispiċċa fil-5.00 pm. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;
(vii) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni u approvazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat u nofs bid-dibattitu jibda fis-6.00 pm u jispiċċa fid-9.30 pm. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(viii) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni u approvazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għat-Traspost u l-Infrastruttura, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat bid-dibattitu jibda fid-9.30 am u jispiċċa fin-12.30 pm. Il-Kamra tiltaqa' fis-9.00 am, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mid-9.30 am u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(ix) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni u approvazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat bid-dibattitu jibda fil-6.30 pm u jispiċċa fid-9.30 pm. Il-Kamra tiltaqa' fis-6.00 pm, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mis-6.30 pm u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(x) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni u approvazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa, x-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn ħames sigħat u nofs bid-dibattitu jibda fid-9.00 am u jispiċċa fis-2.30 pm. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xi) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni u approvazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat bid-dibattitu jibda fil-6.30 pm u jispiċċa fid-9.30 pm. Il-Kamra tiltaqa' fis-6.00 pm, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mis-6.30 pm u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xii) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni u approvazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn erba' sigħat u nofs bid-dibattitu jibda fid-9.00 am u jispiċċa fis-1.30 pm. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

(xiii) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni u approvazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat bid-dibattitu jibda fil-6.30 pm u jispiċċa fid-9.30 pm. Il-Kamra tiltaqa' fis-6.00 pm, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mis-6.30 pm u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xiv) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni u approvazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat u nofs bid-dibattitu jibda fil-9.00 am u jispiċċa fin-12.30 pm. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xv) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni u approvazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Finanzi, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat u nofs bid-dibattitu jibda fis-6.00 pm u jispiċċa fid-9.30 pm bil-ħin tal-mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

4. Illi l-ħin li jittieħed għal xi sospensjoni waqt id-diskussjonijiet kollha fuq l-Estimi Ġenerali 2015, Kumitat ta' Provvista, Estimi Supplimentari 2014, kif ukoll waqt iż-żewġ approprjazzjonijiet, għandu jiżdied mal-ħin stabbilit għall-interruzzjoni tax-xogħol.

5. Illi minbarra t-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa, il-Kamra tista' tiltaqa' wkoll il-Ħamis, il-Ġimgħa, u s-Sibt, kemm filgħodu, wara nofsinhar u filgħaxija fl-istess jum.

6. Illi meta l-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis, kemm filgħodu, kemm wara nofsinhar u kemm filgħaxija, isir biss xogħol tal-Gvern.

7. Illi fis-seduti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-Estimi Ġenerali 2015 jew l-Estimi Supplimentari 2014, jista' jsir xogħol ieħor tal-Gvern, inklużi mozzjonijiet u riżoluzzjonijiet, kif ikun jidher fuq l-Aġenda, wara li jispiċċa x-xogħol finanzjarju fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol u wara li jgħaddi x-xogħol kollu li jkun jidher fuq l-Aġenda, jitressaq l-Aġġornament u l-ħin tal-Aġġornament ma jitteħidx.

8. Illi l-ħinijiet tad-dibattiti kif spjegati hawn fuq, jistgħu jinbidlu bi ftehim milħuq fil-Kamra.

**B. Estimi Ġenerali 2015**

1. Illi jkun hemm żewġ seduti fuq il-mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għas-sena 2015; u l-ewwel seduta minn dawn tkun għall-Oppożizzjoni, waqt li t-tieni waħda tkun għall-Gvern; u ż-żewġ seduti jkunu eżenti mil-limiti ta' ħin għad-diskorsi (Ordni Permanenti Nru. 49). Il-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ta' dawn iż-żewġ seduti jkun fit-8.30 pm u l-ewwel votazzjoni tittieħed ħames minuti wara li tintalab, waqt li l-votazzjonijiet l-oħra kollha li jistgħu jintalbu jittieħdu immedjatament wara. Il-ħin tal-Aġġornament ta' dawn is-Seduti ma jitteħidx.

2. Illi fil-jiem tal-Kumitat ta' Provvista:

   (i) Kull Ministru jressaq ir-Riżoluzzjonijiet tiegħu fil-Kumitat fil-bidu tad-diskussjoni dwarhom; u mbagħad il-ħin disponibbli għad-diskussjoni jinqasam indaqs bejn Gvern u Oppożizzjoni bl-aħħar nofs għall-Gvern;

   (ii) Fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol finanzjarju, il-President tal-Kumitat iqiegħed għall-vot mingħajr diskussjoni l-mistoqsija fuq il-voti tal-estimi kif jidhru fuq l-Aġenda, u fuq l-emendi li jista' jkun hemm għalihom:

   Iżda Ministru jista' jressaq emendi li jitqiegħdu għall-vot mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat dwar emendi proposti minnu, u f'dan il-każ dawn l-emendi jitqiegħdu għall-vot mingħajr diskussjoni;

   (iii) Il-votazzjonijiet kollha li jistgħu jintalbu jittieħdu x'ħin tispiċċa d-diskussjoni; u l-ewwel votazzjoni tittieħed ħames minuti wara li tintalab fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol, waqt li l-votazzjonijiet l-oħra, jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament warajha, sakemm ma jkunx hemm ftehim mod ieħor.

3. Illi l-voti fil-Kumitat ta' Provvista jistgħu jittieħdu għad-diskussjoni mhux fl-ordni u fid-dati kif jidhru hawn taħt u iktar minn voti ta' Ministeru wieħed jistgħu jiġu diskussi f'seduta waħda.

4. Illi matul il-perjodu li fih ikunu qed isiru s-seduti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-Estimi Ġenerali 2015 jew l-Estimi Supplimentari 2014, il-Kamra tista' tiltaqa' wkoll biex isir xogħol ieħor tal-Gvern, inklużi mozzjonijiet u riżoluzzjonijiet, kemm filghodu, wara nofs inhar u anke filghaxija, kif ikun jidher fuq l-Aġenda.

**DISKORS TAL-BUDGET**
**It-Tnejn, 17 ta' Novembru, 2014 fis-6.30 pm**

**RISPOSTA MILL-KAP TAL-OPPOŻIZZJONI**
**It-Tnejn, 24 ta' Novembru, 2014 mis-6.30 pm sat-8.30 pm**

**RISPOSTA MILL-PRIM MINISTRU**
**It-Tlieta, 25 ta' Novembru, 2014 mis-6.30 pm sat-8.30 pm**

**L-EWWEL JUM**
**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU**
**L-Erbgha, 26 ta' Novembru 2014 mid-9.30 am san-12.30 pm**

**IT-TIENI JUM**
**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN**
**L-Erbgħa, 26 ta' Novembru, 2014 mis-6.30 pm sad-9.30 pm**

**IT-TIELET JUM**
**MINISTERU GĦALL-FAMILJA U SOLIDARJETÀ SOĊJALI**
**Il-Ħamis, 27 ta' Novembru, 2014 mid-9.00 am sas-1.00 pm**

**IR-RABA' JUM**
**MINISTERU GHALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI**
**Il-Ħamis, 27 ta' Novembru, 2014 mis-6.00 pm sal-10.00 pm**

**IL-ĦAMES JUM**
**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ U TWETTIQ TAL-MANIFEST ELETTORALI**
**Il-Ġimgħa, 28 ta' Novembru, 2014 mid-9.30 am san-12.30 pm**

**IS-SITT JUM**
**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX**
**Il-Ġimgħa, 28 ta' Novembru, 2014 mis-2.00 pm sal-5.00 pm**

**IS-SEBA' JUM**
**MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA**
**Il-Ġimgħa, 28 ta' Novembru, 2014 mis-6.00 pm sad-9.30 pm**

**IT-TMIEN JUM**
**MINISTERU GĦAT-TRASPORT U L-INFRASTRUTTURA**
**It-Tnejn, 1 ta' Diċembru, 2014 mid-9.30 am san-12.30 pm**

**ID-DISA' JUM**
**MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ NAZZJONALI**
**It-Tnejn, 1 ta' Diċembru, 2014 mis-6.30 pm sad-9.30 pm**

**L-GĦAXAR JUM**
**MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U S-SAĦĦA**
**It-Tlieta, 2 ta' Diċembru, 2014 mid-9.00 am sas-2.30 pm**

**IL-ĦDAX-IL JUM**
**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**
**It-Tlieta, 2 ta' Diċembru, 2014 mis-6.30 pm sad-9.30 pm**

**IT-TNAX-IL JUM**
**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL**
**L-Erbgħa, 3 ta' Diċembru, 2014 mid-9.00 am sas-1.30 pm**

**IT-TLETTAX-IL JUM**
**MINISTERU GĦAD-DJALOGU SOĊJALI, AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR U LIBERTAJIET ĊIVILI**
**L-Erbgħa, 3 ta' Diċembru, 2014 mis-6.30 pm sad-9.30 pm**

**L-ERBATAX-IL JUM**
**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, INVESTIMENT U INTRAPRIŻI ŻGĦAR**
**Il-Ħamis, 4 ta' Diċembru, 2014 mid-9.00 am san-12.30 am**

**IL-ĦMISTAX-IL JUM**
**MINISTERU GĦALL-FINANZI U APPROPRJAZZJONI**
**Il-Ħamis, 4 ta' Diċembru, 2014 mis-6.00 pm sad-9.30 pm**

12.11.14